**PRIM’AWLA TAL-QORTI ĊIVILI**

**ONOR. IMĦALLEF MARK SIMIANA, LL.D**

*Rikors Ġuramentat Numru 1066/2012 MS*

**Karmenu Mifsud**

**Vs.**

**Onorevoli Ministru għall-Infrastruttura, Trasport u Komunikazzjoni, Onorevoli Ministru għar-Riżorsi u Affarijiet Rurali u b’digriet tal-15 ta’ Ottubru, 2019, l-isem ġie mibdul biex jaqra “Ministru għat-Trasport u Infrastruttura”; Onorevoli Ministru għat-Turiżmu, Kultura u Ambjent; L-Awtorità ta’ Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar; Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma; u Kunsill Lokali ta’ Ħal Qormi; u b’ordni tal-Qorti tat-3 ta’ Novembru, 2016 issejjaħ fil-kawża d-Direttur Ġenerali (Xogħlijiet/Services Division)**

Illum, 11 ta’ Lulju 2025

Kawża Numru: 2

Il-Qorti,

1. Rat ir-rikors ġuramentat preżentat mill-attur fl-24 ta' Ottubru 2012, li permezz tiegħu, wara li ippremetta dan li ġej:

> ILLI l-esponenti jiġġestixxi azjenda ta' kummissjonant u fil-fatt huwa liċenzjat mill-awtoritajiet kompetenti sabiex joffri servizzi funebri, u dan tramite l-użu ta' karrijiet għall-ġarr tal-mejtin;
>
> ILLI l-esponenti jiġġestixxi tali negozju minn postijiet differenti, fosthom mill-fondi 46, 50 u 54 li jikkonsistu f'imħażen kbar, liema fondi huma lkoll sitwati fi Triq Pawlu Farrugia, Hal Qormi;
>
> ILLI ġewwa dawn l-imħażen l-esponenti kien u għadu jżomm għadd sostanzjali ta' twiebet, vetturi u oggetti in konnessjoni mal-istess negozju;
>
> ILLI Triq Pawlu Farrugia tinsab parallela mal-Wied ta' Hal Qormi, u l-ilma tax-xita li jaqa' fuq din it-triq jgħaddi għall-wied minn fetha li hija inqas minn tlett (3) metri wisa', liema wied fih pont b'erba' (4) bokok wesgħin madwar żewġ (2) metri u għoljin madwar metru (1);
>
> ILLI f'dawn l-aħħar snin kien sar żvilupp fuq medda kbira ta' art fl-inħawi tal-wied de quo, bir-riżultat li l-ilma tax-xita ma' setgħax jibqa' jinxtorob fil-ħamrija, u sussegwentement beda jaqbel lejn il-wied, u f'dan ir-rigward il-konvenuti jew minn minnhom ma' ħadu l-ebda prekawzjoni u/jew evalwaw il-konsegwenzi ta' tali żvilupp;
>
> ILLI wkoll apparti li sar tali żvilupp, l-art tal-wied ma' baqgħetx fl-istat originali tagħha, iżda din ittellgħet 'l fuq u ġiet miksija bil-konkos, bil-konsegwenza li l-volum li kien jieħu l-wied, ġie mċekken sostanzjalment u l-ilma ma' kienx qed jiġi assorbit bħal qabel;
>
> ILLI dan kollu kemm-il darba kkaġuna problem ta' ilmijiet sostanzjali, liema problema kien ilha s-snin magħrufa sew mill-konvenuti jew minn minnhom, jiġifieri tad-drain bħala flood relief li tisbokka fil-wied fi Triq il-Wied, Hal-Qormi;
>
> ILLI nonostante li l-konvenuti jew minn minnhom kienu jafu bil-problema tal-ilmijiet huma naqsu milli jieħdu dawk il-passi neċessarji fi Triq Pawlu Farrugia Hal Qormi, biex l-ilma tax-xita jkun jista' jkollu aktar ftuħ għal wied biex meta jseħħu maltempati, il-volum tal-ilma ma' jogħliex u jagħmel ħerba, ħsarat, u jqiegħed friskju l-ħajja tan-nies;
>
> ILLI nhar it-Tnejn 25 ta' Ottubru tas-sena 2010, hakem maltemp fuq pajjiżna u niżlet ħafna xita, tant li l-wied ma' laħħaqx mal-ilma li qaleb għal ġo fih u dan kollu rriżulta fgharghar kbar, ippreżenta periklu għan-nies u kif ukoll halla ħsarat sostanzjevoli fil-proprjeta' tagħhom;

ILLI l-esponenti kien fost dawk milquta' mill-għargħar, u garrab eluf kbar ta' Ewro fi ħsarat fil-proprjeta' tiegħu kemm immobbli kif ukoll dik mobbli u dan kollu unikament minħabba irresponsabbilita', negligenza, traskuragni w imprudenza, tal- konvenuti jew minn minnhom;

ILLI din is-sitwazzjoni u l-problema' tal-ilmijiet kienet a konoxxenza tal-konvenuti jew minn minnhom li dejjem baqgħu nadempjenti billi naqsu li jirrimedjaw il- problema u/jew milli jieħdu dawk il-passi rimedjali u/jew dawk il-prekawzjonijiet u/jew jeżegwixxu dawn ix-xogħolijiet neċessarji sabiex itaffu din il-problema u kif ukoll il-konsegwenzi li ġġib magħha l-istess problema;

ILLI l-esponenti jaf b'dawn il-fatti personalment.

l-istess attur għadda biex talab lil din il-Qorti jogħġobha:

1. Tiddikjara lill-konvenuti jew minn minnhom responsabbli għad-danni sofferti mir-rikorrenti in konsegwenza tal-għargħar li seħħ fil-25 ta' Ottubru 2010 fi triq Pawlu Farrugia, Hal Qormi;

2. Tillikwida id-danni hekk sofferti mill-attur jekk hemm bżonn bl-opra ta' periti nominandi;

3. Tikkundanna lill-konvenuti jew minn minnhom iħallsu lir-rikorrent id-danni hekk likwidata minn din l-Onorabbli Qorti.

B-ispejjez inkluż tal-Protest Gudizzjarju 326/2012 datat 22 ta' Awwissu 2012 kontra l-konvenuti minn issa ngunti għas-subizzjoni.

2. Rat ir-risposta ġuramentata imressqa mill-Kunsill Lokali ta' Ħal Qormi fit-12 ta' Novembru 2012[1];

3. Rat ir-risposta ġuramentata imressqa mill-Awtorità konvenuta fil-21 ta' Novembru 2012[2], li biha ġie eċċepit dan li ġej:

1. Preliminarjament, l-irritwalita' ta' l-azzjoni odjerna stante li ghall-intavolar taghha kienet mehtiega l-prezenza u l-adezjoni ta' mart ir-rikorrent.

[1] Fol.26.
[2] Fol.35.

2. Illi t-talbiet tar-rikorrent huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u għandhom jigu michuda stante li l-Awtorita' eccipjenti mhiex il-legittimu kontradittur u dana billi l-Awtorita' mhiex responsabbli mill-manutenzjoni u progetti ohra in konnessjoni mal-Wied ta' Hal Qormi u l-esponenti fl-ebda mument ma naqset milli tiehu l-prekawzjonijiet necessarji li jaqghu taht ir-responsabbilita' taghha.

3. Illi qed tinghata bhala eccezzjoni distinta, u subordinatament ghal dak li inghad aktar qabel, dik tal-forza magguri ai termini ta' l-artikolu 1029 tal-Kodici Civili li ghalhekk hija ta' ostaklu ghat-talba attrici stante illi meta hsara ssir konsegwenza ta' forza magguri, id-dannu konsegwenzjali għandu jbatih is-sid.

4. Illi l-attur irid jiddikjara u jressaq prova dwar liema huwa l-izvilupp li sar fl-inhawi tal-wied ta' Hal Qormi li allegatament ikkaguna danni u hsarat fil-proprjeta' tar-rikorrent. L-Awtorita' intimata tirriserva li tressaq risposta ulterjuri wara li r- rikorrent jindika fuq pjanta liema huwa l-izvilupp mertu tal-vertenza odjerna stante illi ma hemm l-ebda indikazzjoni ta' tali zvilupp fir-rikors guramentat.

5. Illi l-involviment tal-Awtorita' intimata fil-kaz tal-Wied ta' Hal Qormi kien jirrigwarda tfassil u approvazzjoni tal-Pjan Lokali li gie approvat nhar it-3 ta' Awissu 2006 u li pprovda dwar il-kundizzjonijiet li għandhom jigu osservati qabel ma jsir zvilupp fl-inhawi tal-wied de quo.

6. Illi l-Pjan Lokali (kopja annessa u markata bhala Dokument 'A') iddefinixxa l-extent tal-water course li jipprojibixxi zvilupp ta' bini sabiex ma jigix ostakolat il-flow of storm water. Illi l-Awtorita' intimata f'kull kaz hadet il-prekawzjonijiet kollha necessarji f'kull zvilupp li sar fl-inhawi tal-Wied billi applikat il-policies rilevanti.

7. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, ir-rikorrent ghandu jressaq prova tat-titolu tieghu dwar il-proprjeta' li allegatament sofriet danni konsegwenza tal- gharghar li sehh fil-25 ta' Ottubru fi Triq Pawlu Farrrugia, Hal Qormi kif ukoll prova dwar id-danni allegatament sofferti minnu. Fl-eventwalita' li ma ssirx tali prova, l-Awtorita' intimata qiegħda minn issa stess tressaq l-eccezzjoni dwar in-nuqqas ta' interess guridiku.

8. Ghaldaqstant u in vista tas-suespost, it-talbiet tar-rikorrent huma infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontrieh.

Salv eccezzjonijet ulterjuri.

4. Rat ir-risposta ġuramentata imressqa fil-21 ta' Novembru 2012 mill-Onorevoli Ministru għall-Infrastruttura, Trasport u Komunikazzjoni; l-Onorevoli Ministru

għar-Riżorsi u Affarijiet Rurali; u l-Onorevoli Ministru għat-Turiżmu, Kultura u l-Ambjent[3], li permezz tagħha huma wieġbu hekk:

> 1. Preliminarjament illi l-konvenuti l-Onorevoli Ministru għall-Infrastruttura, Trasport u Komunikazzjoni, l-Onorevoli Ministru għar-Rizorsi u Affarijiet Rurali; u l-Onorevoli Ministru għat-Turizmu, Kultura u l-Ambjent mhumiex il-legittimi kontradditturi u dan ai termini ta' l-artikolu 181B (1) tal-Kodiċi t'Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta).
>
> 2. ILLI l-konvenuti eċċipjenti jirrespingu t-talbiet tar-rikorrenti fil-konfront taghhom bħala nfondati fil-fatt u fid-dritt u dana kif ser jiġi ppruvat waqt is-smigħ tal-kawża, stante li l-esponenti mhumiex responsabbli għall-maltempata li hakmet il-gżejjer Maltin fil-25 t Ottubru, 2010.
>
> 3. ILLI dakinhar tal-25 t'Ottubru, 2010, nizlet xita straordinarja li kienet ikkawżat diversi nċidenti ta' għarghar madwar Malta, fosthom f'Ħal Qormi, iżda l-esponenti ma jistgħux iwiegbu għall-ħsara kkawżata minn tali għargħar billi huma ma jirrispondux għal danni kkaġunati minn kaz fortuwitu jew forza magguri u għalhekk ma jwegbux għad-danni li 'huma ma kellhom ebda kontribut għalihom u konsegwentement lanqas m'għandhom ibagħtu l-ispejjeż
>
> 4. ILLI imkien miċ-ċitazzjoni jew mid-dikjarazzjoni attriċi ma jirriżulta illi hemm xi allegat illi għalih jirrispondu l-konvenuti eċċipjenti.
>
> 5. SALVI eċċezzjonijiet ulterjuri.

5. Rat ir-risposta ġuramentata preżentata mill-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma fl-4 ta' Diċembru 2012[4];

6. Rat li matul l-udjenza tal-15 t'April 2013[5], id-difensuri tal-attur iddikjaraw «*illi rigward l-eċċezzjoni preliminari tal-Korporazzjoni tal-Ilma, din il-Korporazzjoni m'hijiex il-leġittima kontradittriċi għar-raġunijiet kontenuti fir-risposta tagħha, jinforma lil din il-Qorti illi fil-konfront tal-imsemmija Korporazzjoni qegħda tiġi irtirata din il-proċedura*»;

---

[3] Fol.43.
[4] Fol.50.
[5] Fol.55.

7. Rat li l-attur fit-3 ta' Novembru 2016 ċeda l-kawża biss fil-konfront tal-Korporazzjoni konvenuta[6];

8. Rat is-sentenza mogħtija minn din il-Qorti, kif diversament presjeduta, fit-3 ta' Novembru 2016[7], li permezz tagħha (i) laqgħet l-eċċezzjonijiet preliminari mqajma mill-konvenuti Kunsill Lokali ta' Ħal Qormi, l-Onorevoli Ministru tal-Infrastruttura, Trasport u Komunikazzjoni u tal-Ministru għat-Turiżmu, Kultura u l-Ambjent billi sabet li ma kinux leġittimi kontraditturi tal-azzjoni tal-attur u ħelsithom mill-osservanza tal-ġudizzju; (ii) ċaħdet l-eċċezzjoni preliminari tal-konvenuti Awtorità tal-Ippjanar u tal-Ministru għar-Riżorsi u Affarijiet Rurali li ma kienux leġittimi kontradditturi; u (iii) ordnat is-sejħa fil-kawża tad-Direttur Ġenerali (Xogħlijiet/*Services Division*), u rriżervat l-ispejjeż għall-ġudizzju finali;

9. Rat is-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Appell fis-7 ta' Jannar 2020, li permezz tagħha ġew miċħuda l-appelli mressqa mill-Awtorità tal-Ippjanar u mill-Ministru għar-Riżorsi u Affarijiet Rurali (li sa dak iż-żmien kien sar il-Ministru għat-Trasport u l-Infrastruttura), kif ukoll ġie miċħud l-appell inċidentali tal-attur, ordnat li kull parti tbati l-ispejjeż rispettivi tal-appell proprju, u filwaqt li ordnat xi tibdiliet fl-okkju tal-kawża, irrinvijat l-atti lura għall-kontinwazzjoni;

10. Rat illi fl-udjenza tat-22 ta' Jannar 2020[8], id-Direttur Ġenerali kjamat fil-kawża ddikjara li kien qed jistrieħ fuq ir-risposta ġuramentata preżentata mill-Ministri konvenuti;

11. Rat illi waqt l-udjenza tat-22 ta' Jannar 2020[9], din il-Qorti kif diversament presjeduta laqgħet talba tal-attur għall-ħatra ta' perit tekniku, iżda rriżervat li tipprovdi ulterjorment wara li l-partijiet jagħlqu l-provi tagħhom;

---

[6] Fol.316.
[7] Fol.317.
[8] Fol.362.
[9] Fol.362.

12. Rat illi waqt l-udjenza tas-16 ta' Jannar 2025[10], l-istadju tal-provi ġie dikjarat magħluq u b'hekk il-ħatra tal-perit tekniku – li dwarha l-attur ma nsistix aktar – tqieset rinunzjata u revokata;

13. Rat ix-xiehda u d-dokumenti kollha miġbura, u l-atti proċesswali fl-intier tagħhom;

14. Rat is-sottomissjonijiet bil-miktub li ġew preżentati;

15. Rat li l-kawża ġiet differita għall-udjenza tal-lum sabiex tinqata';

Ikkunsidrat:

16. Illi din hija azzjoni għar-riżarċiment ta' ħsara li l-attur jgħid li ġarrab b'konsegwenza ta' għargħar li seħħ fil-25 t'Ottubru 2012 u li laqat proprjetà tiegħu fi Triq Pawlu Farrugia ġewwa Ħal Qormi.

17. Għalkemm il-kawża infetħet kontra diversi konvenuti, wara ċ-ċessjoni parzjali li saret b'nota tat-3 ta' Novembru 2016 u wara s-sentenza mogħtija fit-3 ta' Novembru 2016, li ġiet ikkonfermata fit-tieni istanza fis-7 ta' Jannar 2020, il-kawża ssoktat biss fil-konfront ta' (i) l-Ministru għat-Trasport u Infrastruttura; (ii) l-Awtorità tal-Ippjanar; (iii) il-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma, u (iv) d-Direttur Ġenerali (Xogħlijiet/*Services Division*).

18. Il-fatti rilevanti li jirriżultaw mill-provi se jiġu hawn taħt riassunti.

19. L-attur huwa sid ta' xi fondi sitwati fi Triq Pawlu Farrugia f'Ħal Qormi, bin-numri sitta u erbgħin u ħamsin kif ukoll bin-numru erbgħa u ħamsin[11]. Dawn il-fondi huma adibiti għall-użu bħala mħażen. Jidher li dawn il-fondi kienu nbnew wara s-sena 1998[12], għad illi l-attur kisibhom biss fl-2004. L-attur jeżerċita l-kummerċ bħala kummissjonant tal-funerali, u għalhekk jippossjedi wkoll diversi vetturi

[10] Fol.841.
[11] Murija fir-ritratti a fol.255.
[12] Ara r-rapport ta' Dr. Odette Lewis, inkarigata mill-Ministru konvenut,a fol.731.

neċessarji għat-tmexxija ta' dak il-kummerċ[13]. Fl-imħażen meritu tal-kawża, l-attur iżomm il-vetturi tiegħu u tagħmir ieħor relatat mal-kummerċ tiegħu. Ma jirriżultax li fiż-żmien qabel seħħ l-għargħar meritu tal-kawża l-attur kien ħa xi prekawzjonijiet kontra din l-eventwalità, bħal ilqugħ għall-ilma jew pompi biex jintrema l-ilma 'l barra[14].

20. Triq Pawlu Farrugia hija parallela mal-wied ta' Ħal Qormi, u hija ftit aktar elevata mill-art tal-wied[15]. L-ilma li jinżel fi Triq Pawlu Farrugia u toroq oħra viċini jaqilbu għal Triq Pawlu Farrugia li taqleb għall-wied, minn ftuħ li huwa wiesgħa żewġ metri u tmenin ċentimetru (2.8m). L-ilma li jinżel fil-wied jgħaddi minn ġo erba' bokok b'wisa' ta' żewġ metri u għoxrin ċentimetru (2.2m) u għoli ta' metru u tletin ċentimetru (1.3m). Irriżulta li t-tliet pilastri li jifirdu dawn l-erba' bokok huma wisgħin biss 25cm, u rashom mhux imfassla bil-ponta biex taġevola l-mixi tal-ilma[16]. Il-wiċċ tal-wied kien tal-konkos, mhux tal-ħamrija, u għalhekk l-ilma ma kienx jiġi assorbit[17].

21. Ingħad ukoll illi l-problema tal-għargħar maż-żmien żdiedet minħabba żvilupp akbar fl-inħawi, li anki wassal biex illimita l-miżuri li setgħu jittieħdu mill-Gvern Ċentrali sabiex jaġevola l-mixi tal-ilma tax-xita[18].

22. Bejn l-24 u l-25 t'Ottubru 2010, maltempata qawwija ħakmet lill-gżejjer Maltin u niżel ammont straordinarju ta' xita[19] li wassal biex il-wied ta' Ħal Qormi għereq. Jidher li daħlet kwantità qawwija ta' ilma fil-proprjetà tal-attur, sa l-għoli ta' madwar tliet filati[20]. Skont il-Perit Richard Aquilina, li kien inkarigat *ex parte* mill-attur, il-wied far għaliex il-bokok ma bdewx ilaħħqu[21]. Jidher li vettura fil-wied li nġarret weħlet ma' dawn il-bokok[22] u kompliet tfixkel il-mixi tal-ilma u

[13] Ara x-xiehda bl-affidavit tal-attur, a fol.638.
[14] Ara x-xiehda in kontro-eżami tal-Perit Richard Aquilina, a fol.830.
[15] Ara r-rapport tal-Perit Richard Aquilina, inkarigat mill-attur, a fol.246.
[16] Ara r-rapport tal-Perit Richard Aquilina, inkarigat mill-attur, a fol.247.
[17] Ara x-xiehda in kontro-eżami tal-Perit Richard Aquilina, a fol.833-834.
[18] Ara x-xiehda tal-Perit Karmenu Mifsud Borg, a fol.651.
[19] Ara x-xiehda ta' Joseph Schembri, a fol.842-843.
[20] Ara r-rapport tal-Perit Richard Aquilina, inkarigat mill-attur, a fol.247. Ara wkoll ir-ritratt numru wieħed, a fol.639.
[21] Ara x-xiehda tal-Perit Richard Aquilina, a fol.368.
[22] Ara x-xiehda bl-affidavit tal-attur, a fol.638.

kkontribwiet għall-għargħar fil-proprjetà tal-attur[23] u fi bnadi oħra. Materjal u vetturi maqbuda bl-ilma wasslu wkoll biex imblukkaw żvog tal-ilma li kien sitwat f'punt fejn Triq Pawlu Farrugia tmiss ma' Triq il-Wied[24]. L-ilma faqa' l-bibien tal-imħażen tal-attur u baqa' dieħel[25], u b'konsegwenza ta' dan, ixxarrbu l-vetturi tal-attur b'ilma maħmuġ u nġarru wkoll numru ta' twiebet fil-wied[26].

23. Jirriżulta li dan l-għargħar ma kienx l-ewwel wieħed li seħħ f'dawn l-inħawi[27], tant li mill-provi rriżulta wkoll li diversi residenti kienu jiġbdu l-attenzjoni tal-Kunsill Lokali għall-problemi dwar il-mixi tal-ilma fil-wied[28]. Minn studju kkummissjonat mill-Awtorità tal-Ippjanar u ppubblikat fis-sena elfejn, jirriżulta illi l-wied in kwistjoni jiġbor fih ilma minn diversi widien oħrajn, u għalhekk jaqbad kwantità kbira ta' ilma[29]. Jidher li fis-6 ta' Novembru 2009 ġiet preżentata applikazzjoni mid-Direttur Ġenerali kjamat fil-kawża għal «*National Flood Relief Project*», liema applikazzjoni kellha n-numru PA/04927/09[30]. Il-proposta kienet ukoll tirriferi għall-post fejn seħħ l-għargħar meritu ta' din il-kawża[31]. Il-permess inħareġ fit-18 t'Ottubru 2010[32].

24. Mill-provi rriżulta li saru dawn ix-xogħlijiet b'rabta mal-ilma fl-inħawi tal-każ[33]:

- fis-sena 2003, beda xogħol ta' tindif fil-kanal wara maltempata li saret dak iż-żmien;
- fis-sena 2004, il-kanal (li jiġi minn Wied is-Sewda, jgħaddi minn Ħal Qormi u jispiċċa l-Marsa) ġie mwessgħa biex l-ilma jimxi aktar. Dan ix-xogħol intemm fl-2005;

---

[23] Ara x-xiehda ta' Karen Camilleri, a tergo ta' fol.382.
[24] Fol.752.
[25] Ara r-ritratti numru ħamsa u sitta, a fol.639.
[26] Ara x-xiehda bl-affidavit tal-attur, a fol.638. Ara wkoll ir-ritratti numerati wieħed u tletin, tnejn u tletin u sitta u tletin, a fol.639.
[27] Ara x-xiehda ta' Kenneth Brincat, a fol.67, u tal-President Emeritus Marie Louise Coleiro Preca, a fol.658..
[28] Ara minuti ta' laqgħat fil-Kunsill, b'mod partikolari fol.529.
[29] Ara x-xiehda ta' Saviour Scerri, a fol.687-688.
[30] Fol.91.
[31] Ara fol.92.
[32] Fol.614.
[33] Ara x-xiehda tal-Perit Karmenu Mifsud Borg, a fol.649.

- fl-2007 saret sejħa għall-offerti biex jitħejja *master plan* dwar il-problemi tal-għargħar[34], u fis-sena 2008 saret talba għall-fondi mill-Unjoni Ewropea. Fl-2009 saret sejħa oħra sabiex isir id-diżinn tal-proġett nazzjonali dwar l-għargħar u mbagħad saret l-applikazzjoni lill-Awtorità tal-Ippjanar. Il-permess inħareġ fl-2010. Fuq dik il-parti tal-proġett li kienet tinteressa lil Ħal Qormi, tqabbad kuntrattur fl-2010, li però ma mexiex mal-kuntratt u għalhekk ġie sostitwit. Il-pontijiet li kienu għaddejjin minn fuq partijiet mill-wied, u li kienu jistrieħu fuq pilastri, kellhom jinbidlu biex dawn il-pilastri jitneħħew u ma jostakolawx il-mixi tal-ilma.

25. Skont l-attur, is-sitwazzjoni tal-mixi u l-ġbir tal-ilma fil-wied imsemmi tranġat biss b'xogħlijiet li twettqu fis-sena elfejn u ħmistax[35].

26. L-inħawi in kwistjoni huma indikati fil-pjan lokali bħala *valley watercourse area*[36], u għaliha kienet fiż-żmien rilevanti applikabbli politika (*policy*) partikolari, ċjoè dik dwar *Catchment Management Plans*, riferuta bħala CG30 tal-Pjan Lokali[37] u li daħlet fis-seħħ fl-2006[38]. Skont din il-politika, proposti minn entitajiet governattivi għal titjib fis-sistemi tal-mixi u ġbir tal-ilma tax-xita kellhom jiġu kkunsidrati favorevolment, filwaqt li permessi għal żvilupp ma kellhomx jiġu mogħtija.

27. Skont l-attur, il-ħsarat li huwa ġarrab jikkonsistu minn (i) ħsarat fil-vetturi li wasslu fi spejjeż ta' riparazzjoni; (ii) ħsara fil-merkanzija u fil-proprjetà tiegħu[39]; (iii) telf minħabba self bankarju li kellu jieħu minħabba l-għargħar, u li wassal għal spejjeż u imgħax; (iv) spejjeż peress li huwa kellu jinkariga lil terzi biex jagħmlu xogħol kien tqabbad jagħmel hu. Il-pretensjoni tal-attur għat-telf imsemmi tammonta għal €190,875.76[40]. L-attur eżebixxa l-irċevuti tal-ispejjeż li huwa jgħid li ġarrab[41]. Huwa inkariga wkoll lil Joseph Zammit, bħala espert *ex*

[34] Jidher li l-ħtieġa għal dan il-*master plan* kienet diġà nħasset fl-1997 (ara x-xiehda bl-affidavit tal-Perit Carmel Mifsud Borg, a fol.760).
[35] Ara x-xiehda bl-affidavit tal-attur, a fol.638.
[36] Ara x-xiehda ta' Oliver Magro, a fol.96.
[37] Fol.37.
[38] Ara x-xiehda ta' Ivan Fava, a fol.605.
[39] Ara per eżempju r-ritratti numru tmienja u disgħa, a fol.639.
[40] Ara l-elenku imħejji minn Dr Anthony J. Cassar fuq inkarigu tal-attur, a fol.106.
[41] Minn fol.108-244.

*parte* sabiex jeżamina l-vetturi tal-attur li ġarrbu l-ħsara u jistma t-tiswijiet neċessarji. Joseph Zammit, wara li eżamina l-fondi tal-attur u l-vetturi tiegħu, ħejja rapport bil-kitba[42], li fih wera l-fehma li l-ispiża indikata mill-attur fis-somma ta' €92,154.98 hija waħda raġjonevoli fiċ-ċirkostanzi.

Ikkunsidrat:

28. Illi l-Qorti jidhrilha li jkun opportun li qabel tgħaddi biex tqis il-meritu tal-kawża, tiddeċiedi dwar l-ewwel eċċezzjoni preliminari tal-Awtorità konvenuta, u ċjoè dik dwar l-irritwalità tal-azzjoni attriċi għaliex mart l-attur mhux qed tipparteċipa fil-kawża.

29. Din l-eċċezzjoni hija bla fondament.

30. L-artikolu 1322 tal-Kodiċi Ċivili jipprovdi li l-atti tal-amministrazzjoni ordinarja jmissu lil kull wieħed mill-konjuġi, u hekk ukoll imiss lil kull wieħed mill-konjuġi l-jedd li jħarrek jew jitħarrek dwar dawk l-atti ta' amministrazzjoni ordinarja. Diversament, il-jedd li jitħarrek jew iħarrek dwar atti ta' amministrazzjoni straordinarja imiss liż-żewġ konjuġi flimkien, bl-istess mod kif imiss lilhom flimkien il-jedd li jwettqu kull att ta' amministrazzjoni straordinarja. Il-liġi telenka b'mod tassattiv l-atti ta' amministrazzjoni straordinarja fit-tielet subinċiż tal-artikolu 1322. Il-Qorti ma tarax kif din l-azzjoni – intiża għar-reintegrazzjoni ta' telf li l-attur jgħid li ġarrab minħabba ħtija kważi-delittwali tal-konvenuti – tista' tirrientra f'waħda mill-ipoteżijiet kontemplati fl-artikolu 1322(3) tal-Kodiċi Ċivili (ara wkoll f'dan is-sens ***Elmo Insurance Services Limited noe vs. Edwin Pace et***, Prim'Awla, 3 t'Ottubru 2003).

31. Għalhekk din l-eċċezzjoni qed tiġi respinta.

Ikkunsidrat:

32. Niġu b'hekk għall-meritu.

[42] Fol.256. Dan ir-rapport ġie kkonfermat bil-ġurament (fol.365).

33. Huwa indiskuss li fil-ġurnata ndikata fir-rikors ġuramentat li bih inbdiet din il-kawża, seħħet maltempata kbira u straordinarja li wasslet biex l-attur iġarrab telf minħabba l-ammont ta' ilma li daħal fi ħwejġu. L-attur jixli lill-konvenuti bil-ħtija għall-konsegwenzi dannużi ta' dak il-fatt. Il-konvenuti, min-naħa l-oħra, jsostnu li l-attur għandu jbati l-konsegwenzi tal-għargħar in kwistjoni billi dan jikkostitwixxi forza maġġuri, jew aċċident, u għalhekk japplika l-prinċipju *casus sentit dominus*. Il-konvenuti jgħidu wkoll li l-ħtija għall-ħsara in kwistjoni hija tal-attur stess, billi kien hu li kiseb proprjetà f'inħawi magħrufa li jegħrqu u stabbilixxa fihom użu kummerċjali, u għalhekk *volenti non fit iniuria*.

34. L-artikolu 1029 tal-Kodiċi Ċivili jgħid hekk:

> Kull ħsara li tiġri b'aċċident jew b'forza maġġuri, ibatiha, fin-nuqqas ta' dispożizzjoni espressa tal-liġi li tgħid il-kuntrarju, dak illi fuq il-persuna jew il-beni tiegħu tiġri l-ħsara.

35. L-aċċident (imsejjaħ ukoll każ fortwitu jew *casus*) ġie fid-dottrina mfisser bħala «*un avvenimento non dipendente dal fatto del debitore, non prevedibile o almeno non evitabile, per effetto necessario del quale il debitore si è trovato nell'impossibilita' di adempiere o totalmente o esattamente la obbligazione*»[43]. Riferenza tista' ssir ukoll għas-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fl-ismijiet ***Leslie Causon noe vs. Joseph Sant et*** (31 ta' Jannar 2003). Il-ġurista ***Chironi*** jispjega li: «*Il concetto del caso* fortuito *risulta dunque, di regola, dal concorso di questi elementi: a) fatto estraneo al debitore nè a lui imputabile: requisito che toglie entità più concreta col referirlo alla necessità* ***che il fatto sia imprevedibile, o se prevedibile, inevitabile***[44]*; b) impossibilità di adempimento dell'obbligazione costituita*»[45].

36. Huwa magħruf u konsistentement miżmum li d-difiża tal-aċċident tiġi eskluża jekk ikun jirriżulta li l-avveniment mhux dipendenti mill-fatt tad-debitur ikun ġie

[43] ***Giorgi***, Teoria delle Obbligazioni, Vol.II,§8.
[44] Sottolinear u enfażi in calce miżjud mill-Qorti.
[45] La Colpa nel Diritto Civile Odierno, Colpa Contrattuale, §308.

preċedut minn xi ħtija tal-istess debitur (ara per eżempju ***RAB Limited vs. Christopher Spiteri***, Appell Inferjuri, 27 ta' Frar 2008).

37. M'hemmx dubju li maltempata kbira tal-proporzjonijiet li kellha dik li seħħet fil-jiem t'Ottubru tas-sena elfejn u għaxra tikkostitwixxi fatt mhux provenjenti mill-konvenuti, u bħala tali, jista' potenzjalment iwassal għall-aċċident kontemplat fl-artikolu 1029. Iżda huwa neċessarju li jiġi aċċertat jekk dak il-fatt kienx wieħed prevedibbli jew evitabbli mill-konvenuti, għaliex jekk kien, isegwi li kien hemm nuqqas min-naħa tal-konvenuti, jew min minnhom, li jeskludi d-difiża tal-każ fortwitu.

38. Il-ġurisprudenza tagħna kellha diversi okkażjonijiet biex tqis din id-difiża fil-kuntest ta' xita u maltempati. Fid-deċiżjoni ***P.L. Constantino Fenech nomine vs. Camillo Gatt nomine ed altri*** (Prim'Awla, 17 ta' Mejju 1902)[46] ġie ritenut hekk:

> Atteso che neanche si può assumere che fu casuale il danno sofferto dai proprietari della merce in conseguenza della caduta abbondante dell'acqua piovana; poichè è di volgare diritto che a costituire il caso fortuito non è sufficiente un avvenimento insolito, immoderato, e che sia il prodotto delle forze della natura, senza il concorso del fatto del uomo; ma è pur anco necessario che sia inevitabile, tale cioè da non potersi, collo esercizio dell'ordinaria diligenza di un buon padre di famiglia, evitare. Ma il concetto del caso fortuito, in quanto almeno alla irresponsabilità che ne deriva, viene meno, quando concorre il fatto positivo o negativo dell'uomo, e questo l'abbia determinato; poichè in tale caso, il danno non può dirsi inevitabile ed ha per causa diretta od indiretta il fatto doloso o colposo dello uomo

39. Hekk ukoll fid-deċiżjoni ***Carmelo Micallef vs. Brigadier John Belle Mc. Cance noe*** (Prim'Awla, 7 ta' Frar 1953)[47] ġiet eskluża d-difiża tal-aċċident f'każ fejn għerqet il-proprjetà tal-attur wara li saru xogħlijiet fi triq ġdida li kkontribwew għal dak l-għargħar. Ta' interess huwa s-segwenti bran:

---

[46] Kollezz. Vol.XVIII.ii.164.
[47] Kollezz. Vol.XXXVII.ii.637.

> Meta l-Awtorità tiftaħ triq, jitwieled akkordju taċitu jew kważi-kuntratt mas-sidien tal-fondi latistanti, li huma ma jiġux disturbati fid-tgawdija tad-drittijiet tagħhom bħala konsegwenza tat-tibdil li jsir f'dik it-triq li jista' jikkaġunalhom xi ħsara; u għalhekk, jekk minħabba dak it-tibdil huma jsofru xi preġudizzju, jitwieled fl-Awtorità d-dmir li tirriżarċilhom id-danni – obbligu dana li għandu l-fondament razzjonali tiegħu fl-invjolabilità tad-dritt tal-proprjetà, kif ukoll fl-ekwità.

40. Hemm ukoll id-deċiżjoni ***Carmelo Wismayer noe et vs. Chev. Anthony Falzon noe et*** (Appell Superjuri, 29 t'April 1996)[48]. F'din id-deċiżjoni l-Qorti ammettiet id-difiża tal-forza maġġuri avolja rriżultaw xi nuqqasijiet fil-mod kif saru l-kanali tat-toroq il-ġodda, għaliex il-forza tax-xita li niżlet fil-maltempata li wassal għal dik il-kawża kienet tali li rrendiet dawk in-nuqqasijiet irrilevanti. Il-Qorti tal-Appell anki rrilevat nuqqasijiet fil-mod kif l-attur stess bena l-proprjetà tiegħu.

41. Hija rilevanti wkoll id-deċiżjoni mogħtija fil-każ ***P.O.G. Limited et vs. Onorevoli Ministru għall-Komunikazzjoni u Proġetti Nazzjonali et*** (Appell Superjuri, 18 ta' Novembru 2024):

> 81. Kif jingħad fil-***Manuale di Diritto Privato*** ta' ***Torrente & Schlesinger***, meta d-dannu hu kkaġunat minn konkors ta' element uman u element naturali:
>
> "…. la giurisprudenza insegna che: (i) qualora il fattore naturale, su cuie incide il comportamento umano, sia sufficiente a determinare l'evento dannoso indipendentemente dalla condotta dell'agente, quest'ultimo non risponde per nulla del danno, non avendo posto in essere alcun antecedente dotato, in concreto, di efficienza causale; ċjoè, il dano si sarebbe verificato egualmente, anche in assenza della condotta umana; (ii) qualora, invece, il fattore naturale non possa dar luogo, senza l'apporto umano, all'evento dannoso, l'autore del comportamento imputabile e' responsabile per intero di tutte le conseguenze da esso scaturenti secondo normalita'; e cio', in quanto il danno non si sarebbe verificato in assenza della condotta umana (v. Cass. 24 febbraio 2023, n. 5737)

[48] Kollezz. Vol.LXXX.ii.667.

42. Għalhekk irridu naraw x'kienu d-dmirijiet tal-konvenuti fir-rigward, sabiex naslu biex niddeterminaw kienx hemm nuqqasijiet min-naħa tagħhom, u jekk dawk in-nuqqasijiet kienux tali li jġibu fix-xejn id-difiża tal-forza maġġuri.

43. Fid-dottrina legali esposta żmien ilu nsibu miżmum hekk:

> È dunque assai dubbio secondo la giurisprudenza, se e quando i privati, che hanno un semplice interesse a vedersi ben governati dalla pubblica Amministrazione in quanto provvede al regime delle acque, e perciò stesso mancano di azione per lamentarsi del mal governo, finchè questo non produce altro effetto, che di tutelare più o meno bene le loro proprietà, ovvero turba la navigazione p la pesca, abbiano un vero diritto a non soffrire per fatto dell'amministrazione che provvede al buon regime delle acque, danni di sorta alcuna nelle loro proprietà; tantochè, ove per fatto positivo, o per omissione dell'Amministrazione medesima, soffrano perdite o deteriorazioni nelle proprietà loro, possono domandarne il risarcimento.[49]

44. Dan il-prinċipju huwa rifless anki fil-ġurisprudenza lokali. Fid-deċiżjoni ***Hugh P. Zammit noe et vs. Direttur tat-Toroq et*** (Appell Inferjuri, 23 ta' Jannar 2004) ġie osservat li:

> Hu prinċipju konsolidat kemm fid-dottrina kif ukoll f'ġurisprudenza affermata, illi l-entitajiet pubbliċi li lilhom hi affidata ċerta mansjoni huma, bħal kull ċittadin privat, marbuta li josservaw, fil-kors tal-attivitajiet tagħhom, il-prudenza, diliġenza u l-ħsieb ta' missier tajjeb tal-familja dettata mir-regola fl-Artikolu 1032 (1) tal-Kodiċi Ċivili. Regola din ta' korrettezza, bon sens u ta' żvolġiment għaqli f'kull parti tal-operat, kemm jekk si tratta minn eżekuzzjoni ta' xogħlijiet, manutenzjoni ta' opri pubbliċi, viġilanza u kontroll. L-enti pubblika li ma tosservax dan titqies fi ħtija u jkollha allura tissubixxi l-konsegwenzi ta' dak sanċit fl-Artikolu 1031 tal-Kodiċi Ċivili.

45. Rilevanti wkoll dak li nżamm fid-deċiżjoni ***Alfred Delia vs. Segretarju Permanenti et*** (Appell Inferjuri, 19 ta' Mejju 2004):

> Huwa fatt magħruf f'pajjiżna illi tagħmel ix-xita u kultant anke xita qawwija u kontinwa. Huwa pubblikament notorju

[49] ***Giorgi***, Teoria delle Obbligazioni (Torino, 1930), Vol.V, §180.

> wkoll illi meta s-sistema tal-kanali tad-drenaġġ ma tlaħħaqx mal-volum tal-ilma tax-xita jfuru t-tappieri b'mod li bil-pressa dawn jinqalgħu minn posthom. Dan hu ben saput u m'hemmx il-ħtieġa tal-ebda prova pożittiva f'dan il-kuntest.
>
> Jekk dan hu hekk ma jistax ikun dubitat illi allura l-amministrazzjoni pubblika, proprjetarja tat-triq u tas-servizzi l-oħra sitwati fit-triq, hi tenuta tipprevedi sitwazzjonijiet determinanti, anke perikolużi, meta jseħħu ċerti fenomeni atmosferiċi. Oġġettivament allura l-perikolu jew insidju fit-triq għall-utent seta' wkoll, la prevedibbli, jiġi evitat. Kif ġja manifest l-piż tal-prova kien jinkombi f'dan il-każ fuq il-konvenuti appellati billi kienu huma li kkontraponew għat-talba tal-attur appellanti d-difiża tal-forza maġġuri. Huma ħtieġilhom allura jiddemostraw bi prova pożittiva illi ħadu l-passi rimedjali, effikaċi u effettivi, biex jiskansaw kull dannu possibbli lill-utent. Wieħed ma jistax jikkontenta ruħu billi sempliċiment jiddefendi ruħu bid-difiża tal-forza maġġuri mingħajr ma jagħmel xejn aktar u lanqas ma jġib l-ebda prova li turi li hu kien ħa provvedimenti adegwati biex jiskonġura għall-event.[50]

46. Applikati dawn il-prinċipji għall-każ li għandha quddiemha l-Qorti, għandu jirriżulta manifest illi d-difiża tal-forza maġġuri sollevata mill-konvenuti ma tistax tirnexxi.

47. Fl-ewwel lok, il-Qorti tosserva li rriżulta abbundantement mill-provi li l-possibilità ta' għargħar fl-inħawi in kwistjoni kienet waħda magħrufa tant li seħħ għargħar qabel u kien hemm ilmenti mir-residenti lill-awtoritajiet f'dan ir-rigward. La darba l-fatt li l-mixi tal-ilma fil-wied in kwistjoni ma kienx wieħed ħieles mill-eventwalità tal-għargħar, jinsorġi l-obbligazzjoni fl-amministrazzjoni pubblika li tattiva ruħha b'mod diliġenti u spedit sabiex dik l-eventwalità tiġi evitata u skonġurata.

48. Fil-każ tal-lum, l-amministrazzjoni pubblika ma mxietx bid-diliġenza mistennija. Il-provi juru li ġew kummissjonati rapporti minn esperti sa minn snin qabel sabiex jitfasslu pjanijiet li jindirizzaw il-mixi u l-ġbir tal-ilma tax-xita f'diversi partijiet ta' Malta li kienu aktar suxxettibbli għall-ilma pjovan. Naturalment, ir-rapporti weħidhom mhux suffiċċjenti sabiex id-diffikultajiet identifikati jiġu riżolti. Dawk ir-rapporti kellhom iwasslu għall-pjan li bih jiġu ndirizzati d-diffikultajiet riskontrati, u l-pjan imbagħad kellu jiġi segwit minn proċess ta' implimentazzjoni.

[50] Ara wkoll fl-istess sens ***Francesco Psaila et vs. Direttur Ġenerali (Drainage Department) et***, Prim'Awla, 27 t'Ottubru 2005.

Għalkemm il-Qorti tifhem illi dan kollu jieħu ċertu żmien, ma jidhirx però li l-amministrazzjoni pubblika imxiet bid-debita diliġenza f'dan ir-rigward.

49. Il-provi juru li fis-sena 2003 seħħet maltempata oħra ta' proporzjonijiet kbar li affettwat inħawi oħrajn f'Ħal Qormi wkoll marbuta mal-wied. Kemm hu veru, il-Perit Carmel Mifsud Borg, fix-xiehda bl-affidavit tiegħu, jirreferi għal dik il-maltempata – aktarx bi żball, għaliex ma jirreferi xejn għall-maltempata li seħħet f'Ottubru 2010. Ix-xiehda tiegħu però ssaħħaħ il-konvinzjoni tal-Qorti li l-elementi ta' imprevedibilità u inevitabilità, li huma ingredjenti essenzjali sabiex tirnexxi d-difiża tal-forza maġġuri, ma jissussistux fil-każ odjern.

50. Tant l-għargħar li wassal għal din il-kawża kien prevedibbli li l-applikazzjoni għall-permess ta' żvilupp meħtieġ għall-implimentazzjoni tal-proġett nazzjonali dwar l-għargħar kienet preżentata <u>qabel</u> seħħ il-każ, iżda seba' snin wara l-għargħar tas-sena 2003. It-trapass ta' dawk is-snin kollha jindika li r-reazzjoni tal-amministrazzjoni pubblika kienet letarġika wisq. Il-fatt li x-xita qawwija li niżlet f'Ottubru 2010 kienet eċċezzjonali ma jiskużax l-inerzja tal-awtoritajiet. Fuq kollox, il-fatt li maltempata bħal dik ma jistax jingħad meta se taħbat hija raġuni għaliex il-prekawzjonijiet kontriha għandhom isiru b'aktar għaġġla u urġenza.

51. Mill-provi prodotti jirriżulta li l-letarġija rilevata mill-Qorti kienet konsegwenza tal-fatt ta' nuqqas ta' fondi allokati fl-estimi annwali tal-Gvern. Ċertament li din iċ-ċirkostanza ma tistax titqies li tikkostitwixxi skużanti valida.

52. Issa fil-każ tagħna, irriżulta b'mod preponderanti li l-għargħar li affettwa l-ġid tal-attur seħħ minħabba li l-wied ma laħħaqx mal-ilma li qaleb għal fuqu, u li dan ġara prinċipalment b'konsegwenza tal-fatt li vetturi u materjal ieħor li nġarru mill-ilma weħħlu mas-saqajn tal-pont jew pontijiet li jgħaddu minn fuq il-wiċċ tat-triq tal-wied, bil-konsegwenza li l-mixi tal-ilma ġie ostakolat. Il-konvenuti, waqt il-kors tal-ġbir tal-provi, sostnew li dan kien nuqqas tal-Kunsill Lokali jew tal-Pulizija, għaliex huma kienu wissew bosta drabi sabiex meta jkun ġej il-maltemp, ħadd ma jitħalla jżomm il-vettura tiegħu hemmhekk.

53. Dan però ma jgħinx lill-konvenuti.

54. Intwera mill-provi li bix-xogħlijiet li seħħew wara l-każ, is-saqajn ta' dawn il-pontijiet tneħħew, anki prevja r-rikostruzzjoni tal-istess pontijiet. Dan wassal biex dawn is-saqajn ma baqgħux joħolqu l-ixkiel li kienu joħolqu qabel. Mill-provi ma jidhirx li wara li saru dawn ix-xogħlijiet, kien hemm ripetizzjoni tal-fatti li wasslu għal dan il-każ. Ċertament li wara dakinhar, kif inhu notorju, kien hemm maltempati oħrajn ta' proporzjonijiet simili, u dan fi żmien meta l-konvenuti kienu għadhom qed iressqu l-provi. Il-Qorti għalhekk ma tistax ħlief tikkonkludi, *iuxta allegata et probata*, li x-xogħlijiet li saru wara l-għargħar in kwistjoni kienu effettivi u fejjieda.

55. Tqum għalhekk il-mistoqsija – għaliex dawn ix-xogħlijiet ma sarux qabel Ottubru tas-sena 2010? Mistoqsija li għaliha m'hemm ebda tweġiba adekwata jew sodisfaċenti. Il-Qorti għalhekk ma tistax ħlief tikkonkludi li l-għargħar seħħ minħabba l-fatt li l-amministrazzjoni pubblika naqset fid-dmir tagħha li tivviġila u tissorvelja li għargħar bħal dan ma jseħħx, u dan permezz tax-xogħlijiet opportuni. Huwa dan in-nuqqas li wassal għall-għargħar, u mhux għaliex xi ħadd tħalla jipparkeġġja l-karozza fil-wied.

56. Imiss issa li wieħed jikkonsidra min mill-konvenuti għandu jwieġeb għal dawn in-nuqqasijiet tal-amministrazzjoni pubblika. It-tweġiba naturalment hija li għandhom iwieġbu dawk il-konvenuti li kienu mgħobbija bir-responsabbilità li jissorveljaw u jivviġilaw kontra l-avveniment dannuż in meritu. Responsabbilità li l-atti turi li kienet tirrisjedi fuq il-Ministeru għar-Riżorsi u Affarijiet Rurali (li eventwalment sar il-Ministeru tat-Trasport u l-Infrastruttura) kif ukoll fuq id-Direttur Ġenerali kjamat fil-kawża. Kemm hu veru, kien l-istess Direttur Ġenerali kjamat fil-kawża li, f'isem il-Ministeru imsemmi, applika għall-permess ta' żvilupp sabiex jitwettaq il-proġett nazzjonali tal-għargħar. U la darba n-nuqqas li l-Qorti sabet li jikkostitwixxi l-fatt kważi-delittwuż huwa proprju d-dewmien fit-twettiq ta' dak il-proġett, jaħtu għal dak il-fatt dawk il-konvenuti li kienu fid-dmir li jeżegwixxu dak il-proġett.

57. Il-Qorti iżda mhux tal-fehma li l-Awtorità konvenuta għandha ħtija f'dan il-każ.

58. Qabel xejn, tajjeb li jiġi mtenni dak li osservat il-Qorti tal-Appell proprju f'din il-kawża fid-deċiżjoni tagħha tas-7 ta' Jannar 2020:

> 36. Illi l-Qorti tqis ukoll li l-fatt li fis-sentenza appellata l-Awtorità appellanti u l-Ministru appellant tqiesu li huma kienu l-kontradditturi leġittimi tal-azzjoni attriċi ma jfissirx b'daqshekk li l-ewwel Qorti sabet xi ħtija fihom dwar xi waħda mit-talbiet attriċi. Parti f'kawża tista' tkun kontradittriċi leġittima ta' pretensjoni tal-parti l-oħra, imma b'daqshekk biss ma jfissirx li r-responsabbiltà jew il-ħtija tagħha huma skontati. Lanqas ma jfisser li l-fatt li huma jibqgħu fil-kawża se titnissel ħtija solidali bejniethom. Għall-kuntrarju, jibqa' dejjem il-piż tal-parti li tallega li tipprova dik il-ħtija jew dik ir-responsabbiltà, jew f'liema grad. Bħalma ġara fil-każ li l-Qorti għandha quddiemha, id-deċiżjoni tal-ewwel Qorti fis-sentenza appellata kienet waħda meħuda "prima facie" u fuq is-saħħa tal-provi limitati li kienu tressqu quddiemha sa dak il-waqt;

59. Dan għalhekk ifisser li bil-fatt li ġiet miċħuda l-eċċezzjoni tal-Awtorità konvenuta li hija mhux leġittimu kontradittur tal-azzjoni tal-attur, idejn din il-Qorti mhux marbuta b'mod li ta' bilfors għandha ssib ħtija fl-istess Awtorità. Fl-istess sentenza, il-Qorti tal-Appell żammet li l-Awtorità konvenuta kellha titqies leġittimu kontradittur minħabba l-fatt li waħda mill-premessi tal-azzjoni tal-attur kienet li l-Pjan lokali li fit-tfassil tiegħu kellha rwol l-istess Awtorità kien ikkontribwixxa għall-ħsara mġarrba minnu. Konklużjoni li din il-Qorti kif impoġġija tikkondividi. Naturalment issa jekk dak il-Pjan mhux tassew wassal għall-ħsara in kwistjoni, il-konsegwenza ma tkunx li l-Awtorità konvenuta m'hijiex il-leġittimu kontradittur iżda li t-talbiet tal-attur fil-konfront tagħha, u kif bażati fuq dik il-premessa, huma infondati fil-meritu.

60. U din il-Qorti proprju qed tasal għall-konklużjoni li dik il-premessa hija infondata. Ma rriżultax li dak il-Pjan wassal jew ikkontribwixxa għan-nuqqasijiet li ġiebu l-għargħar dakinhar tal-25 t'Ottubru 2010. Anzi, l-Pjan lokali – li daħal fis-seħħ fl-2006 – kien jagħmilha ċara li proġetti ta' żvilupp bħal dak konċepit fil-pjan nazzjonali tal-għargħar kienu bżonnjużi. Ma jidhirx li l-Awtorità konvenuta taħti għall-fatt li dak il-proġett dam biex jitwettaq. Lanqas ma jirriżulta li l-Awtorità

konvenuta naqset b'xi mod ieħor li wassal għall-fatt dannuż li minnu qed jilmenta l-attur.

61. Għalhekk it-talbiet tal-attur kontra l-Awtorità konvenuta se jiġu miċħuda billi infondati fil-meritu.

62. La darba il-Qorti sabet li l-Ministru konvenut u d-Direttur Ġenerali kjamat fil-kawża jaħtu għall-għargħar in kwistjoni, irridu issa naraw jekk is-sottomissjoni tagħhom dwar il-ħtija tal-attur stess għandhiex fondament fil-liġi u fil-fatt.

63. B'mod ġenerali, huwa akkolt illi «*Si profila la cosiddetta colpa del danneggiato, con riguardo a quella ipotesi in cui il suo contegno (negligenza, ecc) concorre in vario modo alla produzione dell'evento dannoso (se costituisce la causa esclusiva del danno cessa addirittura la responsabilita'). In tal caso si pone il problema di stabilire se a questa concausa debba attribuirsi rilevanza, nel senso di alleviare l'entità del risarcimento ... ... Si deve precisare ancore che la colpa del leso va riferita proprio all'evento dannoso di ciu altri risponde; cosicchè non basta una sua colpa, che si esplichi in qualsiasi altra direzione. Non si comprende invece perchè la colpa del leso dovrebbe essere concomitante alla causa dell'evento dannoso ... laddove, quel che conta, è la sua efficienza causale e non già una mera modalità cronologica*»[51]. In-nozzjoni ta' ħtija kontributorja għandha tiġi distinta min-nozzjoni ta' *volenti non fit iniuria*. Dik tal-ewwel issib il-bażi tagħha fuq il-premessa li d-danneġġjat ikun, b'nuqqas tiegħu stess, kabbar jew għen biex inħolqu d-danni, iżda hemm dejjem il-ħtija konkorrenti tad-danneġġjant. Fil-każ tat-tieni nozzjoni, il-ħtija tad-danneġġjant tkun eskluża b'konsegwenza ta' ftehim, taċitu jew espress, mad-danneġġjat. Din it-tieni nozzjoni hija mfissra suċċintament hekk:

> A person who makes an agreement, whether expressly or by implication, with another to run the risk of harm, which has been created by that person, cannot recover in respect of that damage so suffered by him in consequence of any of the risks that he had agreed to run. … The defence … involves that answer to two queries, namely whether (a) the

[51] Novissimo Digesto Italiano, taħt il-vuċi "responsabilita' civile", par.18. Ara wkoll Chironi, La Colpa nel Diritto Civile, Vol.III, para.537.

> plaintiff had agreed to the breach of a duty of care, which was owed to him by the defendant; and (b) the plaintiff had consented to waive his right of action against the defendant in respect of that breach. If the answer to each is in the affirmative then the wrongfulness of the defendant's conduct is excused and the plaintiff is precluded from recovering damages.[52]

64. Il-Qorti ma jidhrilix li bil-fatt li l-attur akkwista proprjetà mibnija skont il-permessi u l-liġijiet tal-Istat f'wied – anki jekk kien jaf li dak il-wied kien suxxettibbli għall-għargħar – kien qiegħed jirrinunzja għal xi dritt tiegħu li jippretendi li l-Istat iħares l-interessi tal-pubbliku minn avvenimenti dannużi ta' dik in-natura. Lanqas ma tista' tasal għall-konklużjoni li b'dak l-istess fatt, l-attur ikkontribwixxa għall-ħsara li seħħitlu.

65. Ħadd mill-konvenuti ma ġab prova konkreta li l-attur seta' għamel xi ħaġa jew wettaq xi miżura li seta' jkollha effett diminutorju fuq il-ħsara li ġarrab.

66. Argumenti simili għal dawk li l-Qorti qed tqis bħalissa ġew skartati fid-deċiżjoni ***P.O.G. Limited et vs. Onorevoli Ministru għall-Komunikazzjoni u Proġetti Nazzjonali et*** (Appell Superjuri, 18 ta' Novembru 2024) kif ġej:

> 107. Ma tressqet l-ebda prova illi l-atturi setgħu jagħmlu xi ħaġa sabiex ma jidħolx l-ilma għandhom waqt għargħar. Ma kellhom l-ebda kontroll fuq ix-xogħlijiet li għamlu l-entitajiet tal-Gvern Ċentrali. Li tiġi imputata ħtija fuq l-atturi għaliex użaw il-proprjetà tagħhom entro l-limiti tal-permessi maħruġa mill-awtorità kompetenti hija fil-fehma ta' din il-Qorti applikazzjoni żbaljata tal-Artikolu 1051 tal-Kodiċi Ċivili.
>
> 108. Stabbilit illi b'dak li għamlu l-atturi ma kellu l-ebda effett fuq il-gravità tal-għargħar, din il-Qorti tosserva illi dak li effettivament qieset l-Ewwel Qorti bħala ħtija kontributorja da parti tal-atturi ma kienx strettament aġir kontributorju għall-event dannuż daqskemm l-obbligu ta' kull danneġġjat li jimminimizza d-danni. Mod ieħor, l-Ewwel Qorti mhux responsabbilità kontributorja da parti tal-atturi għall-*eventum damni* sabet daqskemm li d-danni subiti mill-atturi setgħu ġew evitati li kieku ma ddeċidewx li jniżlu l-ġestjoni tal-ispiżerija mill-ewwel sular għall-pjan terran. Fil-fehma ta' din il-Qorti ż-żewġ kunċetti huma totalment diversi minn xulxin.

---

[52] ***Charlesworth & Percy on Negligence*** (Sweet & Maxwell, 10$^{th}$ Edition), §3-52.

> …
>
> 110. L-atturi kellhom kull jedd, bħal kull sid ieħor, illi jgawdu l-proprjetà tagħhom fil-limiti tal-permessi maħruġa. Huwa minnu illi kieku l-atturi ma mexxewx il-ġestjoni tal-ispiżerija mill-ewwel sular għall-pjan terran, il-probabbilità hi li l-ħsara kienet tkun ferm anqas; però min imkien ma jirriżulta illi minħabba n-nuqqasijiet tal-konvenuti, d-dritt fundamentali tal-atturi li jgawdu l-proprjetà tagħhom ġie nieqes.

67. Fehmiet li din il-Qorti wkoll tikkondividi, u tagħmel tagħha naturalment sa fejn jgħoddu għall-fattispeċi partikolari ta’ dan il-każ.

68. Għalhekk il-Qorti qegħda tasal għall-konklużjoni li l-Ministru konvenut u d-Direttur Ġenerali kjamat fil-kawża jaħtu flimkien u b’mod solidali għall-ħsarat li ġarrab l-attur.

Ikkunsidrat:

69. Illi naturalment il-fatt li nstab li l-imħarrkin, jew uħud minnhom, huma responsabbli għall-ħsara li seħħet lill-attur ma jġibx bħala konsegwenza awtomatika li d-danni li qed jippretendi l-attur jiġu akkordati. Dawk id-danni kellhom jiġu ippruvati skont il-liġi mill-attur.

70. Din il-Qorti ma tistax però ma tosservax li, minkejja ż-żmien twil li matulha ilha għaddejja din il-kawża, il-provi li l-attur ressaq biex isostni d-danni minnu reklamati huma skarni għal kollox.

71. Ibda biex l-attur, li xehed biss b’affidavit maħluf fis-27 t’Ottubru 2021, semma biss il-ħsara li huwa ġarrab fil-vetturi tiegħu u fit-twiebet li kellu maħżuna fil-fondi in kwistjoni. Ma qal xejn dwar l-ispejjeż ta’ self li huwa inkorra jew dwar il-fatt li kellu jinkariga terzi biex jagħmlu x-xogħol tiegħu minfloku u xi swielu dan il-fatt. Dan mhux il-mod kif jiġu ippruvati pretensjonijiet għar-riżarċiment ta’ danni, fejn il-minimu li l-Qorti tistenna huwa li l-attur ifisser it-telf reklamat minnu u jispjega in-ness kawżali bejn dak it-telf u l-ħsara mġarrba.

72. L-uniku pretensjoni tal-attur li tista' titqies ippruvata hija dik li tirrigwarda l-ispejjeż inkorsi minnu għar-riparazzjoni tal-vetturi, u li ġiet ikkunsidrata u, sa ċertu punt, iċċertifikata minn Joseph Zammit, li kien inkarigat *ex parte* mill-attur. Għalkemm fil-kontro-eżami tiegħu Joseph Zammit qal li huwa ma kienx konsapevoli mill-kondizzjoni tal-vetturi qabel l-għargħar, il-Qorti tqis li għandha toqgħod fuq il-fehma tiegħu dwar il-kompatibilità tal-ħsarat spezzjonati minnu mal-fatt tal-għargħar in kwistjoni. Fuq bażi ta' probabbilità, il-kondizzjoni tal-vetturi in kwistjoni kienet tajba biżżejjed biex dawn il-vetturi jintużaw għan-negozju, li jfisser li l-kondizzjoni kkonstatata minn Joseph Zammit kienet konsegwenza tal-għargħar. Il-Qorti jidhrilha wkoll li għandha tagħti affidament lil dan ix-xhud, li serva bħala espert tal-qrati f'materji tekniċi relatati ma' vetturi bil-mutur għal diversi snin.

73. Dwar ir-riċevuti eżebiti b'elenku imħejji minn Dr Anthony Cassar, awditur inkarigat mill-attur, il-Qorti tosserva li dawn ir-riċevuti ma ġewx verifikati minn dak ix-xhud, li straħ fuq it-tagħrif li tah l-attur sabiex jinkludi dawn l-irċevuti mal-elenku tiegħu. Informazzjoni li però l-attur ma kkonfermax bil-ġurament permezz tax-xiehda tiegħu matul din il-kawża. Ir-riċevuti lanqas ma ġew korraborati mill-awturi tagħhom, u dan in-nuqqas ukoll jinċidi fuq il-valur probatorju tagħhom (ara f'dan is-sens ***Maria Xuereb et vs. John Callus***, Appell Superjuri, 19 t'Ottubru 1983[53]; ***L-Avukat Dr. Josè A. Herrera noe vs. Alfred Pace et noe***, Prim'Awla, 14 ta' Novembru 2002; ***Anthony Chircop et noe vs. John Zammit noe et,*** Prim'Awla, 14 ta' Novembru 2002; ***Vastek International Limited vs. Engineering and Technology Limited***, Prim'Awla, 15 ta' Diċembru 2003; ***Joseph Gatt et vs. Franco Galea et***, Qorti t'Għawdex Superjuri, 29 t'April 2022).

74. Il-Qorti hija tal-fehma li l-kumplament tal-pretensjonijiet tal-attur għar-riżarċiment setgħu kollha jiġu ippruvati b'aktar attenzjoni u diliġenza, u għalhekk mhux il-każ li tillikwida xi ħaġa *arbitrio boni viri*, la darba huwa miżmum li dak il-mod ta' likwidazzjoni għandu jsir rikors għalih biss fejn il-prova tad-dannu subit

[53] Kollezz. Vol.LXVII.ii.153.

hija diffiċilment reperibbli. Kif intqal fid-deċiżjoni ***Sharon Coleiro vs. Ahmed Kamel Abdel Wahab Fatmalla et*** (Appell Superjuri, 21 ta' Novembru 2024):

> 17. Għalkemm, kif ingħad drabi oħra, dawn il-Qrati għandhom ukoll is-setgħa li jillikwidaw id-danni *arbitrio boni viri* meta jkun impossibbli għall-attur li jressaq il-provi preċiżi dwar l-entità tagħhom, iżda dan ma jseħħx meta l-attur jonqos li jressaq il-provi dwarhom (ara s-sentenza ta' din il-Qorti tas-26 ta' Frar, 2024, fil-kawża fl-ismijiet ***Vladyslava Kravchenko et v. Kevin Micallef et***).

75. Għalhekk il-Qorti qed tqis ippruvat biss l-ammont ta' €92,155 li ġie kkonfermat minn Joseph Zammit, u ssib li dan huwa l-ammont li għandu jiġi riżarċit lill-attur.

76. Għal dawn ir-raġunijiet il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi din il-kawża billi:

(i) tiċħad l-ewwel eċċezzjoni tal-Awtorità konvenuta;

(ii) tilqa' l-ħames u s-sitt eċċezzjonijiet tal-Awtorità konvenuta u għalhekk tiċħad it-talbiet tal-attur sa fejn saru fil-konfront tagħha;

(iii) tiċħad it-tieni, t-tielet u r-raba' eċċezzjonijiet tal-Ministru għat-Trasport u Infrastruttura u tad-Direttur Ġenerali kjamat fil-kawża;

(iv) tilqa' l-ewwel talba tal-attur biss fil-konfront tal-Ministru għat-Trasport u Infrastruttura u tad-Direttur Ġenerali kjamat fil-kawża;

(v) tilqa' t-tieni talba billi tillikwida l-ammont ta' danni mġarrba mill-attur fis-somma ta' tnejn u disgħin elf mija u ħamsa u ħamsin Ewro (€92,155);

(vi) tilqa' t-tielet talba u tikkundanna lill-Ministru għat-Trasport u Infrastruttura u lid-Direttur Ġenerali kjamat fil-kawża jħallsu d-danni kif likwidati lill-attur, u dan solidalment bejniethom, bl-imgħax legali dekorribbli mil-lum sal-jum tal-ħlas effettiv[54];

[54] Il-Qorti tosserva li anki jekk ma saret ebda talba mill-attur għall-ħlas tal-imgħax, il-ġurisprudenza ma tipprekludiex l-għoti tal-imgħaxijiet, peress li l-imgħax jiddekorri b'effett tal-liġi a tenur tal-artikolu 1141 tal-Kodiċi Ċivili, u billi wkoll ġie ritenut li talba għall-imgħax hija konsegwenzjali għall-kundanna għall-

(vii) tordna li l-ispejjeż relatati mas-sentenza mogħtija fit-3 ta' Novembru 2016 jinqasmu billi l-attur iħallas dawk tal-Kunsill Lokali konvenut u tal-Ministru għat-Turiżmu, Kultura u Ambjent, filwaqt li l-Awtorità konvenuta u l-Ministru għat-Trasport u Infrastruttura jħallsu l-ispejjeż tagħhom;

(viii) tordna li l-ispejjeż relatati ma' din is-sentenza jinqasmu billi l-attur iħallas dawk tal-Awtorità konvenuta, filwaqt li l-kumplament tal-ispejjeż jitħallsu mill-Ministru għat-Trasport u Infrastruttura u lid-Direttur Ġenerali kjamat fil-kawża solidalment bejniethom.

Onor. Mark Simiana, LL.D
Imħallef

Deputat Reġistratur

ħlas tal-kapital (ara f'dan is-sens ***Costantino Abela vs. George Azzopardi***, Appell Superjuri, 7 t'Ottubru 2005; ***Crocifissa sive Christine Abela et vs. Valletta Gateway Terminals Limited et***, Appell Superjuri, 30 ta' Novembru 2022; ***Jeffrey Farrugia vs. Melvyn Mifsud***, Appell Superjuri, 8 ta' Jannar 2024).